**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 115/2018**

**DU ('l-ilmentatrici')**

**vs**

***Crystal Finance Investments Ltd. (C26761)***

**('il-provditur tas-servizz' jew '*Crystal*')**

**Seduta tad-9 ta' Settembru 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatrici tissottometti li garrbet telf minhabba *mis-selling* ta' diversi investimenti li kienet ghamlet permezz tas-servizz moghti lilha minn *Crystal Finance Investments Limited* ('il-provditur tas-servizz' jew *'Crystal'*).

L-ilmentatrici sahqet li dawn l-investiment kienu riskjuzi u *non-investment grade* u, ghalhekk, ma messhom qatt gew mibjugha lilha peress li hi ma kinitx familjari maghhom u ma kellhiex esperjenza f'dawn it-tip ta' investimenti u, ghaldaqstant, kieku kienet taf li dawn kienu investimenti riskjuzi ma kinitx tinvesti fihom.

L-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment huma specifikament *bond portfolios* BP 143, BP 173, BP 188, BP 191 u BP 153, li l-*bond RENA* kienet tifforma parti minnhom, flimkien mal-*bond portfolio* BP 211, li l-*bonds Edcon* u *Rickmers* kienu jiffurmaw parti minnu.

L-ilmentatrici sahqet ukoll li *mis-selling* iehor kien meta l-provditur tas-servizz ghamlilha hames investimenti fil-*bond RENA*, u dan meta kien id-dover tal-istess provditur tas-servizz li jara li l-investimenti jkunu mifruxa kemm jista' jkun u li dawn isiru fl-ahjar interess taghha.

L-ilmentatrici indikat li hi kienet ghamlitha cara mal-*advisor* taghha li ma riditx tpoggi flus f'kontijiet li setghu jgorru xi tip ta' riskju u lanqas marbutin ghal aktar minn tlieta jew erba' snin ghax tippreferi inqas interessi u sikuri milli interess gholi b'riskju li minflok taghmel profitt issofri telf.

Hi tenniet li la darba kienet spjegatlu x'tip ta' investimenti riedet, hi kienet tafdah u kieku kienet taf li seta' jkun hemm l-icken riskju, zgur li ma kinitx ser tinvesti flusha kollha f'dan it-tip ta' investiment. Mhux darba jew tnejn li l-investiment kien isir minn fuq it-telefon fejn l-*advisor* kien jibaghtilha kollox id-dar u jindikalha fejn ikollha bzonn tiffirma u hi kienet tibghathomlu fis-*self-addressed envelope* flimkien mac-cekk.

L-ilmentatrici argumentat li minkejja li fi stqarrija ghall-istampa, *Crystal* sahqu li r-regola hija li l-investimenti ghandhom ikunu mifruxa kemm jista' jkun, dan maghha ma sarx ghax l-investimenti, BP 143, BP 173, BP 188, BP 191 u BP 153, li huma portafolli mahluqa minnhom stess, kellhom il-hamsa li huma bejn 20% u 30% tal-valur fir-*RENA*.

Hi tenniet li kellha hames investimenti li kienu qishom l-istess b'rati differenti ta' imghax u li erbgha minnhom kienu jimmaturaw f'April 2016 u wiehed f'Jannar 2016. Kagun ta' dan, hi soffriet minn hames investimenti minflok minn wiehed.

Ghaldaqstant, l-ilmentatrici qed tippretendi li tiehu *full refund* tal-flus li hi tilfet, li jammonta ghal €11,550, flimkien mal-imghax legali ta' 8% fis-sena, filwaqt li talbet ukoll li jigu rifondati l-ispejjez professjonali li hallset lill-provditur tas-servizz li jammontaw ghal 2% fis-sena.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, il-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (annessi u mmarkati bhala ***'Dok CFI 01'*** u ***'Dok CFI 01a'***) liema artikolu

jispecifika bl-aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts';*

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi in-nullità tal-Ilment *ai termini* tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta inkwantu iffaccjata bl-Ilment kif gie redatt, is-Socjetà Esponenti ma tistax tressaq difiza adegwata billi mill-istess Ilment ma jirrizultax/jirrizultawx in-nuqqas/ijiet tas-Socjetà Esponenti li jaghtu lok ghall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiz minnu. Fic-cirkostanzi ma huwiex possibbli li s-Socjetà Esponenti taghraf il-bazi tal-istess Ilment (u allura l-eccezzjoni u sussegwentement il-prova li trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputibbli taghha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni ghad-danni allegati li fi kwalunkwe kaz huma r-rizultat ta' fatturi totalment estranei ghas-Socjetà Esponenti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilment huwa mimli inezattezzi b'sensiela ta' allegazzjonijiet bla bazi u inveritieri sabiex jinsgu storja artificjali tar-rapport bejn l-investitur Ilmentatur u s-Socjetà Esponenti kif se jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-Ilmentatur huma ghal kollox fiergha u infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f'kull waqt is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista', jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz.

5. Illi fil-mertu l-Ilment u t-talbiet tal-Ilmentatur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilmentatur qieghed jibbaza l-Ilment tieghu li garrab telf fuq l-investiment li bhala fatt ma jaghtix lok ghal ilment validu. Fil-fatt is-Socjetà Esponenti mhux qed tifhem fuq xiex l-ilment ta' *misselling* huwa ibbazat meta qed jinghad li

'*Jien tlift is-somma ta' €10,500 (€1,500) kawza ta' 'misselling' ta' investimenti li kont ghamilt permezz tas-servizz moghtija lili mill-Crystal Finance Investments (CFI).*' '*Dawn l-investimenti kienu riskjuzi u Non-Investment Grade u ghalhekk ma messhom qatt gew mibjugha lili li ma kontx familjari maghhom u ma kellix esperjenza ta' dan it-tip ta' investimenti. Kieku kont naf li l-investimenti kienu riskjuzi ma kontx ninvesti fihom.'* Filwaqt illi s-Socjetà Esponenti taghmilha cara illi dejjem kienet infurmat lill-klijent b'kull investiment u proposta u kien il-klijent Ilmentatur li iddecieda jinvesti flusu f'investimenti mas-Socjetà Esponenti minghajr ebda perswazjoni, kif ukoll li l-klijent Ilmentatur ried imghax gholi allavolja gie spjegat li dan ifisser riskju oghla.

Huwa tal-iskantament kif l-Ilmentatur izola biss dawk il-*bonds* li marru hazin u mhux qed jilmenta fuq *bonds* simili, tal-istess *rating* li kienu jaghmlu parti ukoll mill-istess *bond portfolios* imsemmijin. Dawn jidhru kollha mnizzlin hawnhekk f'*Appendix 1.*

Kull *bond portfolio* sar skont it-*term sheet* (***Dok CFI 02***) li kollha gew iffirmati minghand l-Ilmentatur. It-*term sheet* tindika **b'mod car** kull *bond,* inkluzi l-*bonds* imsemmijin fl-ilment, kull *rating* u anke tispecifika r-riskji b'mod trasparenti. Xi hadd bhall-Ilmentatur, li anke qed jikkwota l-ligi minn fuq is-sit elettroniku, zgur li jifhem dan id-dokument miktub b'Ingliz semplici. Ma jirrizultax li kien hemm xi ilment fuq ir-*ratings* tal-*bond*, tul is-snin li matulhom kien hemm numru ta' tranzazzjonijiet, anzi kull tranzazzjoni giet ikkonfermata wara li kien hemm spjegazzjoni bit-telefon jew f'laqghat u kollox gie ikkonfermat minghand l-Ilmentatur. Li wiehed jippartecipa, jaghti l-kunsens u jinvesti hdax-il darba dejjem bl-istess mod go l-istess tip ta' *bonds,* bl-istess riskju u *ratings* huwa indikattiv tal-preferenza tal-Ilmentatur u fejn dejjem ipprefera jinvesti.

Wara kollox, dejjem seta' jwaqqaf ir-relazzjoni, jitlob li johrog flusu u jmur ipoggihom post iehor. Però, dan ma sarx u dejjem ikkonferma l-kontinwità ta' investimenti. Li wiehed issa jghid li mhux familjari u m'ghandux esperjenza ma taghmilx sens ghax il-fatti kif dokumentati bit-tranzazzjonijiet juru l-oppost. L-Ilmentatur kien jaf ezattament x'qed jaghmel u fejn qed jinvesti, kif, wara kollox, dejjem ipprefera li jinvesti.

Fil-kalkoli tieghu, l-Ilmentatur qed inizzel it-telf fuq il-*bonds* li marru hazin, izda mhux qed inizzel il-qligh li ggwadanja. Skont id-dokumentazzjoni ufficjali taghna, l-Ilmentatur dahhal aktar minn hdax-il elf Ewro (Ewr.11,054) f'imghaxijiet fuq l-investimenti u l-pozizzjoni netta mhux qed tirregistra telf.

Insemmu wkoll kif wiehed jista' jilmenta fuq investimenti li gew ghandu minhabba li wiret. Ma kien hemm l-ebda kuntatt fuq dawn il-flus investiti mal-Ilmentatur izda sempliciment portafoll ghadha ghandu wara kawza *mortis* u l-portafoll gie accettat minghand l-istess Ilmentatur.

Is-servizz li kien juza l-Ilmentatur kien tat-tip '*advisory'* u ma kienx hemm hlas (*fees*) tas-servizz. Lanqas ma kien hemm spejjez biex wiehed jinvesti fil-*bond portfolios.* Dak li qed jirreferi ghalih l-Ilmentatur, *'<u>Ta' dan is-servizz 'professjonali' kont inhallas bejn 1.25% u 2% fis-sena lil CFI.</u>'* L-Ilmentatur qed jikkwota spejjez fuq il-kupuni tal-*bonds* (mhux hlas fuq is-servizz fuq l-ammont investiti kif qed jigi allegat). Dawn huma dettaljati f'kull *term sheet* tal-*bond portfolios,* **allura wiehed jistaqsi kif qed jigu kkwotati dawn l-ispejjez jekk fl-istess paragrafu qed jinghad li ma kienx hemm taghrif fuq il-*bonds*, ir-*ratings* u r-riskji relatati meta dawn id-dettalji huma imnizzlin fuq l-istess *term sheet.*** L-Ilmentatur irid jiddeciedi fuq jekk inghatax l-informazzjoni jew le ghax hawnhekk huwa car li qed jikkontradixxxi id-dikjarazzjonijiet tieghu.

Fl-ebda mument ma qatt gie rrakkomandat lill-Ilmentatur *complex instrument* minghand is-Socjetà Esponenti jew ir-rapprezentanti taghha. Fil-fatt kull tranzazzjoni li ghamel l-Ilmentatur, kemm dawk li qed jilmenta fuqhom kif ukoll hafna tranzazzjonijiet ohra li konvenjentament mhux qed jissemmew, kollha kienu tranzazzjonijiet go prodotti semplici u mhux kumplessi.

7. Nistabbilixxu wkoll il-bazi tas-'***Suitability Testing***'

- Investitur *Retail*
- Tahdem bhala *supervisor* go lukanda
- Kellha portafoll ta' investimenti ta' madwar Eur50,000

- Ammont sostanzjali ma' banek lokali, Eur60,000 trasferiti lil *CFI* permezz ta' numru ta' *cheques*
- Kienet familjari mas-servizz ta' *Advisory*
- Investiet go numru ta' *Bonds* simili bl-istess *ratings* u riskju mis-sena 2009
- L-oggettiv kien li jiehu imghax gholi
- Riskju stabbilit bhala *Medium Risk*
- L-ebda dipendenza fuq dan l-ammont investit

Is-Socjetà Esponenti ikkonfermat dan kollu mal-Ilmentatur, *fact finds* ***(Dok CFI03***) gew ikkonfermati u iffirmati tliet darbiet. Qatt ma giet kontestata xi informazzjoni fuqhom. Mhux talli hekk, izda din l-informazzjoni u analizi li ssir qabel ma wiehed jaghti rakkomandazzjoni saret diversi drabi, kull darba giet dokumentata fuq *file note* (***Dok CFI04***). M'hemmx obbligu li *file note* ghandha tkun iffirmata peress li dan kien dokument intern tas-Socjetà. Fil-fatt, l-Ilmentatur mhux qed jikkontesta l-istess analizi ghas-*suitability testing* li saret meta gew irrakkomandati prodotti ohra, inkluzi *bonds* ohra b'*ratings* simili jew aktar riskjuzi. Però, il-fatt li l-affarijiet marru tajjeb mhux qed jinghad fuq dawn illi kien hemm '*misselling*'.

Kif zgur gie mgharraf, hemm element ta' riskju meta wiehed jinvesti f'dan it-tip ta' *bonds* ghalkemm jinvolvu wkoll prospett ta' qligh oghla min-normal. Qabel ma inghata l-kunsens biex isiru dawn l-investimenti, issir spjegazzjoni u tinghata l-informazzjoni fuq kull tranzazzjoni (*term sheets*) li tinkludi l-karatteristici ta' kull *bond* offrut, min huwa l-*issuer,* is-settur u minn xiex jista' jigi effettwat, u l-ispejjez relatati. Inghataw ukoll, b'mod car, b'Ingliz semplici rigward ir-riskji tal-prodott. Dan kull darba li gew investiti xi flus jew sar xi caqliq. Insemmu wkoll li dawn il-*bonds* inxtraw fiz-zmien meta kollox kien qed jindika li ma kienx hemm problemi u li ma kien hemm l-ebda garanzija tal-kapital specjalment wara tant zmien fejn ic-cirkostanzi jafu jinbidlu minn meta kienet saret it-tranzazzjoni.

Niccaraw ukoll li qatt ma inghatat jew setghet tinghata garanzija fuq il-kapital mis-Socjetà Esponenti jew mir-rapprezentanti taghha. Kull korrispondenza u kuntratti intbaghtet fl-indirizz tal-Ilmentatur. Il-*financial adviser* dejjem wiegeb ghal kull domanda u anke intbaghtet kull kopja ta' korrispondenza u spjega li ntalbet. Però, hu importanti jinghad li kull dokumentazzjoni b'informazzjoni importanti ghal kull decizjoni ta' investiment inkluz ir-*risk warnings* skont il-*Conduct Of Business Rules*, inghata qabel it-tranzazzjoni u anke giet ikkonfermata u iffirmata minghand l-Ilmentatur.

8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez ghaliex:

   a) Illi d-dannu jew telf li garrab l-Ilmentatur, jekk sehh, sehh totalment bhala rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom assolutament ma kellhom jew ma seta' jkollhom l-ebda kontroll is-Socjetà Esponenti. Ghalhekk kwalunkwe telf li garrab l-Ilmentatur fuq il-*bonds* li marru hazin kien minhabba li l-*Issuer* tal-*bond* ma setax jonora l-obbligi tieghu. Dan kollu huwa rizultat ta' *Market* u *Credit Risk*, riskju inerenti ta' kull investiment finanzjarju (u dan kif gie spjegat lill-Ilmentatur mir-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta, kif ukoll miktub fid-dokumenti provduti lill-Ilmentatur liema dokumenti huwa stess kien iffirma u kif ukoll spjegat lilu fil-korrispondenza qabel dan l-Ilment ***'Dok CFI 02'***), u liema *bonds* inkluzi fil-portafoll kienu, fil-hin meta nghata l-parir, jghoddu jew *suitable* ghalih, dejjem kienu maghzula *bonds* li ma jaqghux taht il-kategorija ta' '*complex instruments'* u in konformità mal-istruzzjonijiet tal-Ilmentatur stess. Is-Socjetà Esponenti ssostni li fil-mument li fih inghata l-parir ma kien hemm xejn x'juri li l-*bonds*

   li dwarhom qed isir l-ilment kienu suggett ghal riskju akbar minn dak li kien indikat fil-prezz li bih inxtara. Biss biss insemmu li meta inxtraw il-*bonds* il-prezz kien vicin il-prezz inizjali taghhom rispettivament li kien jindika fiducja shiha fuq il-kapacità finanzjarja tal-*Bond Issuer*.

b) L-Ilmentatur seta' halla flusu l-bank jew post iehor biex inaqqas ir-riskju. Però, huwa ipprefera jkompli jinvesti u isahhah l-argument li mhux talli kien jippreferi dawn it-tip ta' *bonds*, izda jikkonferma r-rizultat tal-analizi tas-*Suitability Testing* li sar regolari u li zgur mhux forsi, dawn kienu *bonds*/investimenti li kienu *suitable* skont l-oggettivi, preferenza ta' riskju tal-Ilmentatur. Dan kollu dokumentat. L-ebda artiklu fid-Direttiva tal-*MiFID* (1) ma tirrikjedi firma fuq *Suitability Assessment* u lanqas ma hu stipulat kif ghandu jsir dan it-test, sakemm wiehed jista' jipprova li dan sar u li r-rizultat kien sodisfacenti.

c) L-investiment madwar l-ilment kien maghmul minn portafoll ta' *bonds* li jaqghu that il-kategorija ta' '*non complex',* jigifieri dawn mhumiex investimenti li huma kkomplikati biex tifhimhom jew hemm il-bzonn ta' esperjenza estensiva bhal fil-kaz ta' investimenti kumplessi biex wiehed ikun jista' jinvesti fihom. Fil-fatt, l-istess Ilmentatur dejjem investa fl-istess tip ta' investiment tul ir-relazzjoni tieghu mas-Socjetà Esponenti. Ghalhekk mhuwiex gust li wiehed issa qed jikkontesta jekk dan l-investiment ma kienx *suitable*. Allura ma jregix li dawn l-investimenti li marru tajjeb kienu *suitable* ghalih izda mhux dawk ilmentati li kienu tal-istess kategorija ma kinux *suitable.* Jew *suitable* jew mhumiex. Mill-bidu tar-relazzjoni ma' *CFI* s'issa, l-Ilmentatur ircieva aktar minn Eur11,000 (hdax-il elf Ewro). Fil-fatt, kollox ma' kollox, l-investitur ghandu qligh u mhux telf fuq l-investimenti tieghu anke wara li tnaqqas it-telf ilmentat. **Zgur li ma jregix li dak li jmur tajjeb igawdih l-Ilmentatur u dak li jmur hazin jintalab kumpens minghand is-Socjetà Esponenti biex taghmel tajjeb ghalih.**

9. Ma tezisti u lanqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu. Is-Socjetà Esponenti dejjem imxiet mal-obbligi taghha, skont kif tirrikjedi l-ligi u anke bosta regolamenti taht il-*MiFID* (*The Markets in Financial*

*Instruments Directive*) minghajr ebda preferenza lejn xi tip jew grupp ta' klijenti fuq iehor.

10. L-obbligi ta' *Crystal* skont il-ligi u skont il-ftehim mal-klijent tat-*Terms of Business* huwa li tibghat *statement* kull sena b'valutazzjoni korretta u li tinforma lill-klijent dwar xi *default* jew *corporate actions* li jista' jkun hemm fuq il-*bond* investit.

Fl-ahhar nett, insostnu li dan huwa mimli inezattezzi u uzu ta' kliem mhux applikabbli minghand investitur li kellu esperjenza u kien ferm familjari mal-*bonds* li fuqhom qed jilmenta. Hija komdu li wiehed juza l-kliem '*esperjenza, familjari u professjonali'* biex jipprova jiggustifika ilment bla bazi. Specjalment, meta l-istess Ilmentatur qed jinjora tranzazzjonijiet simili ohra li saru minnu stess anke mal-istess socjetà. Jippretendi wkoll li l-gwadann li hu digà ha, jzommu, u jzomm lis-Socjetà Esponenti responsabbli ghal dak li tilef b'dikjarazzjoni fiergha li m'ghandux esperjenza, familjarità u nuqqas ta' informazzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

***Eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 17 tat-Terms of Business Agreement***

Il-provditur tas-servizz ta eccezzjoni li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex skont it-*Terms of Business Agreement,* Artikolu 17 tal-istess jipprovdi li kwalunke tilwima trid tigi referuta lill-Qrati Maltin u, ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jisma' l-kaz.

L-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni peress li:

i. Meta sar dan il-kuntratt ma kienx ghadu twaqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru u, ghalhekk, il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskluduh;

ii. Ghaliex ukoll il-klawsola 17 tat-*Terms of Business Agreement* normalment tintuza f'kuntest internazzjonali fejn trid issir ghazla bejn il-ligijiet diversi li japplikaw ghall-kuntratt u wkoll liema qorti jkollha gurisdizzjoni.

Dan gie kkonfermat u elaborat f'decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, fosthom, f'dik fl-ismijiet ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd.*, deciza fil-5 ta' Novembru 2018,** fejn il-Qorti irriteniet illi:

'*L-Artikolu 21(1)(a) hu ntiz ghall-konsumatur fis-sens li l-ghazla hi tieghu fejn ghandu jfittex ghal rimedju fir-rigward ta' ilment relatat mal-imgiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju'.*

Il-Qorti ziedet ukoll:

'*Il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pozizzjoni ta' take it or leave it ghaliex ma jkollux bargaining power. Ghall-qorti meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kinetx taghmel sens meta tqis li:*

*i. Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of Jurisdiction Clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiz maghzul u mhux minn qorti f'pajjiz iehor;*

*ii. Fi zmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setghet tfittex ghal rimedju kontra l-parti l-ohra minghajr htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra. F'dak iz-zmien l-Att dwar L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ma kienx ligi ... Ghalhekk zgur li f'dak iz-zmien il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur, galadarba kien rimedju li ma jezistix ...'*

Il-Qorti ikkonkludiet:

'*Il-Qorti hi tal-fehma li hemm cirkostanzi specjali li xorta jwassluha sabiex tiskarta klawsola 17 tal-kuntratt minhabba li m'hemmx dubju li fiz-zmien li l-*

*partijiet iffirmaw il-kuntratt hadd minnhom ma seta' kien qieghed jipprevedi l-introduzzjoni tal-Kap. 555. Ir-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur huwa wiehed ad hoc bil-ghan li jissimplifika l-access tal-konsumatur tas-servizzi finanzjarji ghal rimedju kontra l-provditur tas-servizz. Rimedju li ma kienx jezisti fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt u li ghalhekk l-appellata qatt ma setghet irrinunzjat ghalih'.*

Dan kollu gie kkonfermat f'decizjonijiet ohra tal-Qorti tal-Appell kontra l-istess provditur tas-servizz fuq eccezzjoni identika, fosthom, dik ricenti fl-ismijiet: ***Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd.* tal-11 ta' Frar 2019.**

L-Arbitru jaghmel tieghu il-motivi espressi mill-Qorti tal-Appell 'il fuq imsemmija u ghar-ragunijiet moghtija qed jichad din l-eccezzjoni.

**Eccezzjoni dwar Nullità**

Din l-eccezzjoni hija wahda fiergha ghaliex hija pprezentata a bazi tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili li ma japplikax ghall-Ufficcju tal-Arbitru fejn il-procedura hija stabbilita bil-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li ma tikkontempla l-ebda nullità fil-formalità tal-ilment u lanqas nullitajiet ohra.

M'hemm xejn null fl-ilment u, ghalhekk, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[1]**

L-ilment imressaq mill-ilmentatrici jittratta aspetti differenti u, ghaldaqstant, ser jigu trattati b'mod separat.

***L-Investiment sar f'Bonds riskjuzi***

Primarjament, l-ilmentatrici stqarret li hi garrbet telf minn investimenti kawza ta' *mis-selling* ta' dawn l-istess investimenti minhabba li kienu riskjuzi u anke *non-investment grade*. Qabel sar l-investiment fil-*bond portfolios* li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment, l-ilmentatrici kellha diversi *bond portfolios* ohra li

[1] Kap. 555, Art. 19 (3)(b)

minhabba li a bazi tal-*Gain/Loss Analysis*[2] ipprezentata ma garrbet l-ebda telf, dawn ma gewx ilmentati.

Meta tinghata harsa lejn it-*Term Sheets* li jipprovdu iktar informazzjoni dwar dawn l-istess investimenti, jirrizulta li l-investimenti li l-ilmentatrici kellha mill-bidu tar-relazzjoni taghha mal-provditur tas-servizz kienu *bond portfolios* li jikkonsistu f'kombinazzjoni ta' *bonds* sottostanti, kemm *investiment* kif ukoll *non-investment grade*. Biss biss, kien hemm anke *bond portfolios* li l-*bonds* sottostanti kienu kollha *non-investment grade* u anke b'rata tal-imghax li teccedi s-7%.

Ghaldaqstant, minkejja li l-ilmentatrici sahqet li wahda mir-ragunijiet wara dan l-ilment kien il-*mis-selling* tal-investimenti minhabba li, fost ohrajn, kienu *non-investment grade*, certament li ma jistax jinghad li dawn tal-ewwel kellhom karatteristici daqstant differenti mill-*bond portfolios* ilmentati u setghu, allura, kienu, kuntrarjament ghal dawk ilmentati, addattati ghac-cirkostanzi taghha.

Izda, li zgur jista' jintqal fuq il-*bond portfolios* li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment kien il-fatt li meta dawn gew offruti lill-ilmentatrici ma kienx hemm diversifikazzjoni adekwata minhabba li l-*bond RENA* giet inkluza f'iktar minn *bond portfolio* wiehed li gie mibjugh lill-ilmentatrici, tista' tghid, fl-istess perjodu ta' zmien.

Fil-fatt, dan kien aspett iehor imsemmi mill-ilmentatrici fl-ilment taghha, meta sahqet li:

*'Mis-selling iehor kien li CFI investewli 5 investimenti fil-bonds tar-Rena. Kien id-dover tac-CFI li tara li l-investimenti jkunu mifruxa kemm jista' jkun u li l-investimenti jsiru fl-ahjar interessi tieghi.'*[3]

### *In-Nuqqas ta' Diversifikazzjoni*

Il-fatt li l-*bond* sottostanti *RENA* kienet inkluza f'aktar minn *bond portfolio* wiehed qed jitqies mill-ilmentatrici bhala *mis-selling.* Tajjeb li wiehed isemmi l-fatt li nuqqas ta' diversifikazzjoni ma jistax jigi meqjus bhala *mis-selling.*

---

[2] *A fol.* 17
[3] *A fol.* 6

Izda wiehed irid iqis li qabel sar l-investiment fil-*bond portfolios* referuti fl-ilment, din ma kinitx l-ewwel darba li *bonds* sottostanti partikolari gew inkluzi f'aktar minn *bond portfolio* wiehed li kienu fis-sehh fl-istess zmien.

Izda, min-naha l-ohra wiehed ma jistax ma jinnotax certi partikolaritajiet fil-kaz tal-BP 191 u kif ir-*RENA* giet inkluza fih. Il-BP 191 gie mibjugh lill-ilmentatrici f'Novembru 2013, fejn giet investita s-somma ta' €3,000.[4] Skont it-*Term Sheet*[5] ipprezentata dak iz-zmien, il-*bond RENA,* li kienet tifforma 30% ta' dan l-istess portafoll, kellha *credit rating* ta' BB-.

Dan gie anke ikkonfermat mill-provditur tas-servizz innifsu meta giet ipprezentata l-lista[6] tal-*bond portfolios* li l-ilmentatrici kellha flimkien mal-*bonds* sottostanti u l-*credit ratings* relattivi.

Jigi osservat li minn Lulju 2013, jigifieri d-data ta' meta gie mibjugh il-*bond portfolio* precedenti – il-BP 173, liema portafoll kien ukoll jinkludi fih il-*bond RENA,* kien hemm *downgrade* tal-*credit rating* minn BB ghal BB-.

Il-*credit rating* li kien qed jinghata minn kumpanija ta' kreditu *Euler Hermes* kien gie *downgraded* ghal BB- fit-30 ta' Lulju 2013.

Izda, minkejja li dan id-*downgrade* ma giex rifless fil-prezz, xorta wahda kienet ir-responsabbiltà tal-provditur tas-servizz li jkun diligenti meta jigi biex **ghal darb'ohra** jerga' jinkludi l-*bond RENA* bhala parti mill-BP 191. Certament li l-provditur tas-servizz kellu bizzejjed esperjenza biex jaghraf li, irrispettivament mir-raguni wara d-*downgrade* u l-eventwali andament tal-prezz, meta wiehed jikkunsidra li l-ilmentatrici kienet digà esposta ghar-riskju li ggib maghha din il-*bond,* **anzi esposta ghall-istess riskju tliet darbiet ghax ir-*RENA* kienet digà giet inkluza fi tliet *bond portfolios* ohra,** din il-*bond* ma kellhiex terga' tigi offruta lill-ilmentatrici bhala parti mill-BP 191.

Il-fatt jibqa' li kien hemm *downgrade* tal-*credit rating* u l-fatt li l-ilmentatrici kienet esposta sew ghal dan il-*bond*, il-provditur tas-servizz ma kellux jerga' jbieghulha, u dan anke biex jillimita r-riskju li digà kienet esposta ghalih f'investimenti ohra.

[4] *A fol.* 149 u *a fol.* 151
[5] *A fol.* 152
[6] *A fol.* 237

F'dan il-kaz, certament, li l-provditur tas-servizz naqas mid-dmir tieghu li jagixxi fl-ahjar interess tal-investitur, dan hekk kif inhu obbligat li jaghmel skont *Investment Services Rules for Investment Services Providers*[7] mahruga mill-*MFSA* kif ukoll id-Direttiva *MiFID*, partikolarment skont regolament li jghid:

'*When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations issued thereunder, these Rules as well as with other relevant legal and regulatory requirements ...'.*[8]

***Suitability Assessment***

Dwar il-kwistjoni ta' *mis-selling* imqajjem mill-ilmentatrici, l-Arbitru jqis li taht l-istess *Standard Licence Condition,* meta provditur tas-servizz ikun qed jaghti parir finanzjarju, huwa obbligat li jikseb taghrif necessarju minghand klijenti prospettivi biex ikun jista' jifhem fatti essenzjali dwar il-klijent u jkollu bazi ragonevoli biex jemmen – wara li jiehu konoxxenza tan-natura u t-tip ta' servizz provdut – li t-tranzazzjoni specifika li qed tigi rrakkomandata, tissodisfa dawn il-kriterji:

- li tilhaq l-oggettiv tal-investiment tal-klijent;
- li hija tali li l-klijent ikun finanzjarjament jiflah ghar-riskji relatati mal-investiment konsistenti mal-oggettiv tal-investiment tieghu; u
- li hija tali li l-klijent ghandu t-taghrif u l-esperjenza necessarja biex jifhem ir-riskji tat-tranzazzjoni.
- Li l-ilmentatrici setghet tassorbi t-telf.

Huwa car li l-objettiv tal-ilmentatrici kien li zzid id-dhul taghha filwaqt li ma xtaqitx tinvesti ghal tul ta' zmien. Jidher car li l-ilmentatrici kienet qed tinvesti flusha b'mod regolari u, qabel l-investiment fil-*bond portfolios* li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment, hi kontinwament kompliet taghmel dan anke billi tinvesti kapital gdid.

[7] *ISR – Part B1: Standard Licence Conditions applicable to Investment Services Licence Holders which qualify as MiFID firms*
[8] *ISR – Part B1 Rule 2.01*

Huwa evidenti li hi kienet qed taghmel dan peress li l-objettiv tal-investiment taghha kien dejjem qed jintlahaq. Izda, f'dan il-kaz, l-objettiv tal-ilmentatrici imur id f'id mat-tieni rekwizit tal-fatt jekk hi kinitx finanzjarjament tiflah ghar-riskji relatati mal-investiment. A bazi tal-kontenut tal-*Client Fact Find*, id-dhul annwali tal-ilmentatrici kien biss ta' €12,000, li ma jistax jinghad li kien xi wiehed gholi, filwaqt li d-depoziti bankarji li hi kellha kien jammonta ghal €5,000, li lanqas ma jitqies bhala ammont sostanzjali. Minkejja, fuq kollox, id-dhul annwali baxx, l-ilmentatrici kienet kontinwament tinvesti flus godda li, ghalkemm ma kinux ammonti kbar, xorta flimkien jammontaw ghal somma kbira.

Hawn l-Arbitru mhux ser jidhol fil-mertu ta' x'kien is-sors ta' dan il-kapital gdid, izda, certament, li jekk biss biss tigi ikkunsidrata s-somma investita fil-*bond portfolios* ilmentati f'perjodu relattivament qasir, huwa indikazzjoni cara li b'xi mod jew iehor, hi kienet taffordja li taghmel dan u, ghaldaqstant, kienet finanzjarjament tiflah ghar-riskji relatati mal-investimenti offruti lilha.

Fir-rigward tat-tieni rekwizit tal-gharfien u l-esperjenza, tista' tibda billi tinghata harsa lejn il-*Gain/Loss Analysis* ipprezentata. Mil-lista shiha ta' investimenti li l-ilmentatrici ghamlet tul ir-relazzjoni taghha mal-provditur tas-servizz, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li l-ilmentatrici, xi ftit jew wisq, ghandha esperjenza f'dan il-qasam. Mill-2009 sal-2013, jigifieri sa meta inbiegh l-ewwel investiment

li dwaru qed jitressaq dan l-ilment, l-ilmentatrici ghamlet diversi tranzazzjonijiet f'*bond portfolios* varji li, kif digà ntqal, ghandhom karatteristici simili ghal dawk l-investimenti ilmentati.

Fl-*affidavit* tieghu, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz ta indikazzjoni cara ta' dawk id-drabi meta kien proprju hu li qalilha tibdel minn portafoll ghall-iehor; u anke meta kienet hi stess li marret sabiex tinvesti kapital gdid. Barra minn hekk, minn dak li ntqal minnha stess, lanqas jista' jinghad li l-ilmentatrici ma kienet fl-ebda hin konxja ta' x'kien qed jigi offrut lilha u kienet qed toqghod biss fuq dak li qed jintqal lilha mill-provditur tas-servizz.

Fix-xhieda taghha, l-ilmentatrici stqarret li:

*'Nghid li r-rata tal-imghax tal-Crystal Finance nahseb li kienet xi ftit iktar. Qed jigi suggerit lili li peress li l-perjodu kien iqsar u r-rata tal-imghax kienet ahjar, allura, jekk jghaddilix minn mohhi li kien hemm aktar riskju, nghid li le, ma*

*ghaddilix minn mohhi ghax ma kienx ta' xi 8%. L-imghax kien qisu bejn 5.25% u 4.5%, ghax imbaghad, beda jonqos.'*[9]

Dan ifisser li, minkejja li jidher li l-ilmentatrici ikkunsidrat ir-rata tal-portafoll u mhux ir-rata tal-*bonds* sottostanti, kienet konxja, però, li rata gholja tfisser riskju oghla. Barra minn hekk, l-ilmentatrici innifisha kkonfermat ukoll li ma kinitx l-ewwel darba li ndunat b'xi haga u, kif inhu xieraq, staqsiet fuqha mar-rapprezentant tal-provditur tas-servizz:

'*Nghid li darba, ghax kien hemm il-kelma "unsecured", kont qajjimt dan il-punt ma' Matthew Magro u qalli, "Le, le, dik mhi xejn, taghtix kaz ghax dan sod."'*[10]

Dan ukoll jimplika li mhux dejjem kien il-kaz li l-ilmentatrici ma kinitx tifhem dak li qed jintqal lilha u kienet toqghod biss fuq dak li joffrilha r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz.

Zgur li ma jistax jinghad li l-ilmentatrici ma kellhiex it-taghrif necessarju. Izda, fuq kollox, mill-mod ta' kif tressaq l-ilment taghha jirrizulta li l-ilmentatrici kienet kapaci taghmel ir-ricerki necessarji sabiex tkun tista' tressaq u tissostanzja l-argumenti taghha hekk kif ipprezentati fl-ilment.

Dan huwa ssostanzjat minn dikjarazzjoni taghha stess fejn stqarret li biex hi ressqet dan l-ilment, minbarra li staqsiet u fittxet biex tara ezattament kif ghandha taghmel dan, ghamlet ricerka fuq decizjonijiet precedenti li kien hareg l-Arbitru.

Hawn tajjeb li jinghad li fl-ebda hin mhu qed jintqal li saret xi haga hazina mill-ilmentatrici meta sar dan u meta hadet azzjonijiet sabiex tinforma ruhha, izda zgur li dan jaghti indikazzjoni tal-attitudni taghha jew ahjar il-livell t'gharfien li hi ghandha u fejn dan seta' jwassal.

Minn dan kollu huwa car li l-ilmentatrici kienet tissodisfa it-tliet kriterji rekwiziti meta jinghata parir ta' investiment u, ghaldaqstant, mil-lat ta' *suitability*, jista' jigi konkluz li ma sar xejn hazin min-naha tal-provditur tas-servizz meta l-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment gew mibjugha lilha.

---

[9] *A fol.* 384
[10] *A fol.* 382

**Però, l-Arbitru ghandu riserva dwar kif gie inkluz ir-*RENA* fil-BP 191, kif digà imsemmi, fejn ir-riskju ma giex imferrex u gie inkluz f'dan il-portafoll fi zmien fejn dan il-*bond* kien qed isofri minn *downgrade.***

**Konkluzjoni**

L-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment huma BP 143, BP 173, BP 188, BP 191, BP 153, u BP 211. L-ilment kien jittratta tlett aspetti principali li, fi ftit kliem, huma li l-investimenti ilmentati ma messhom qatt gew mibjugha lill-ilmentatrici ghax ma kinitx familjari maghhom u ma kellhiex esperjenza f'dawn it-tip ta' investimenti; li dawn l-investimenti kienu f'*bonds* riskjuzi u *non-investment grade*, filwaqt li kien hemm nuqqas ta' diversifikazzjoni minhabba li l-*bond RENA* giet inkluza f'aktar minn *bond portfolio* wiehed.

Fil-qosor:

- Qabel sar l-investiment fil-*bond portfolios* li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment, l-ilmentatrici kellha diversi *bond portfolios* ohra li minnhom ma garrbet l-ebda telf u li ghalhekk ma tressaqx ilment dwarhom.

  **Dawn il-*bond portfolios* ma kellhomx karatteristici daqstant differenti mill-*bond portfolios* ilmentati** u, ghaldaqstant ma jistax jigi argumentat li

  dawn tal-ahhar ghax fil-fatt hi garrbet telf minnhom, ma kinux investimenti addattati ghac-cirkostanzi taghha.

- **Huwa minnu li ma kienx hemm diversifikazzjoni adekwata minhabba li l-*bond RENA* giet inkluza f'iktar minn *bond portfolio* wiehed li gie mibjugh lill-ilmentatrici fl-istess perjodu ta' zmien.**

  Dan huwa fattur li mill-ilmentatrici gie meqjus bhala *mis-selling.* Ma jistax jinghad li n-nuqqas ta' diversifikazzjoni fl-investimenti hija fil-verità *mis-selling*.

- L-uniku aspett fir-rigward tar-*RENA* li l-Arbitru jqis ta' relevanza u li juri nuqqas min-naha tal-provditur tas-servizz, hu dak ta' meta l-istess *bond*, jigifieri r-*RENA,* giet inkluza fil-BP 191 u mibjugh lill-ilmentatrici fi zmien li kienet qed issofri *downgrade* iehor u kienet digà esposta ghalih f'diversi investimenti ohra li kien bieghilha l-provditur tas-servizz.

Ghalhekk, f'dak il-mument, il-provditur tas-servizz ma kellux jesponiha ghar-*RENA* ghaliex b'hekk ma kienx qed jagixxi fl-ahjar interess tal-ilmentatrici[11] li kienet digà esposta ghar-*RENA* f'investimenti ohra mieghu stess. Biex iferrex ir-riskju ma kellux jerga' jinvestilha fir-*RENA* kif fil-fatt ghamel.

F'dan il-kuntest, il-provditur tas-servizz kellu jiggwida lill-ilmentatrici b'mod aktar professjonali u ma jesponihiex izzejjed ghall-istess investiment kif fil-fatt ghamel.

La hu gust, la hu ekwu u lanqas ragonevoli li ghaliex il-provditur tas-servizz kien ikkrea investimenti li fihom ir-*RENA* kien jiffigura b'mod repetut kellu jbiegh dawn l-investimenti lill-istess persuna minghajr ma jitqies il-fattur importanti tal-varjazzjoni tar-riskju.

**Ghalhekk ser ikun biss l-ilment fir-rigward tal-BP 191 li qed jigi milqugh.**

L-ilmentatrici sahqet li, apparti l-investiment fil-BP 191 f'isimha biss, hi kienet flimkien ma' hutha, wirtet ukoll sehem minn investiment f'dan l-istess portafoll minghand missierha.

Izda, minhabba li l-Arbitru jista' jidhol biss fil-mertu tal-investiment li gie mibjugh direttament lilha u, fuq kollox, minhabba li fl-*affidavit* tieghu, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz qal,

*'L-investiment li kienet wirtet is-Sinjura DU minghand missierha kien mibjugh u s-somma kienet inqasmet bejn l-eredi,'*

liema stqarrija ma giet fl-ebda hin ikkontestata mill-ilmentatrici, ghall-fini ta' kumpens ser jigi biss ikkunsidrat l-investiment ta' €3,000 fil-BP 191 li gie mibjugh lill-ilmentatrici direttament.

- Fir-rigward tal-investiment fil-BP 188, mid-dokumentazzjoni[12] pprezentata, irrizulta li dan l-investiment kien gie originarjament mibjugh lil bint l-ilmentatrici, UU, u li, eventwalment, gie trasferit[13] lill-ilmentatrici.

[11] ISR-SLC – Regola 2.01
[12] *A fol.* 131 u *a fol.* 143
[13] *A fol.* 130

Similarjament ghal dak li ntqal hawn fuq, l-Arbitru jista' jidhol biss fil-mertu tal-investiment li gie mibjugh direttament lill-ilmentatrici. Ma jistax jigi ikkontestat il-bejgh tal-BP 188 a bazi tac-cirkostanzi tal-ilmentatrici meta, mill-bidu nett, dan il-bejgh ma kienx sar lilha.

**Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jilqa' biss l-ilment fil-kaz tal-BP 191 ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.**

**Kumpens**

Kif deciz, l-Arbitru ser jaghti kumpens biss dwar il-BP 191.

L-ammont investit mill-ilmentatrici fil-BP 191 kien jammonta ghal €3,000, liema somma giet, skont il-*Confirmation of Purchases*[14] ipprezentati, investita f'zewg tranzazzjonijiet. Tul il-perjodu li damet investita fil-BP 191, l-ilmentatrici rceviet €42.31 f'kupuni.

It-tliet *bonds* sottostanti li kienu jiffurmaw il-BP 191, jigifieri l-*MAG*, *RENA*, u *Uniwheels*, gew mahruga f'pozizzjoni izolata fuq il-kont tal-ilmentatrici.

A bazi tal-kontenut tal-*Gain/Loss Analysis,*[15] mill-*bond Uniwheels*, l-ilmentatrici rceviet lura s-somma investita, jigifieri €900 flimkien ma' €13.86 f'kupuni.

Dan l-ammont gie anke ikkonfermat mill-provditur tas-servizz meta mitlub ghal aktar informazzjoni fuq il-parti investita fil-BP 191.

F'din l-istess risposta,[16] il-provditur tas-servizz indika ukoll li mill-*bond MAG*, l-ilmentatrici rceviet is-somma ta' €1,179.32, filwaqt li mid-distribuzzjonijiet tad-*default* tal-*bond RENA*, irceviet is-somma ta' €82.83.

**Ghaldaqstant, meta l-ammonti ricevuti jigu mnaqqsa mill-kapital originarjament investit fil-BP 191, l-ilmentatrici hi intitolata ghal kumpens ta' <u>€781.68.</u>**[17]

---

[14] *A fol.* 149 u *a fol.* 151

[15] *A fol.* 17

[16] *A fol.* 418 (Risposta ghat-talba mill-Ufficcju tal-Arbitru datata 22 ta' Lulju 2019)

[17] €3,000 [kapital originarjament investit] – (€42.31 [kupuni BP 191] + €900 *[Sell Value Uniwheels*] + €13.86 [kupuni *Uniwheels*] + €1,179.32 [ammont ricevut mill-*MAG*] + €82.83 [distribuzzjonijiet tad-*default* tar-*RENA*]) = €781.68.

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *Crystal Finance investments Ltd.* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' seba' mija u wiehed u tmenin ewro u tmienja u sittin centezmu (€781.68).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Peress li l-Arbitru cahad xi eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz u laqa' parzjalment l-ilment, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**